MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2012

Numru 555/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Briffa)**

**vs**

**CLINTON CARUANA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Clinton Caruana, 29 sena bin Grazio u Angiolina nee' Buhagiar, imwieled Pieta' nhar is-26 ta' Mejju 1982, residenti 43, Tal-Kus, Triq ic-Cervjola, Marsaskala detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 293382M

Gie akkuzat talli fl-24 ta' Dicembru 2011 gewwa Marsaskala, ikkommetta serq ta' mobile phone li l-valur tieghu jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u

disghin centezmu (232.94) ghad-dannu ta' Ashraf Taher, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok SB3 u nnutat li l-imputat Clinton Caruana m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li r-refurtiva giet ritornata lil sidha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(c), 267 u 279 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Clinton Caruana, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li r-refurtiva giet ritornata lil sidha, tillibera lill-imputat Clinton Caruana taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Clinton Caruana l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------